MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1089/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Patrick Bugeja (ID308764M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm428.44), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 21430670.**
**Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**
**Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-17 ta' Gunju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-**

**konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm428.44) bl-imghax legali mis-27 ta' Mejju, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------